**PRIM`AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Gur. Nru. 464/2018 JZM**

**Horace Anastasi**
**[ID 531852(M)]**

***kontra***

**Louise-Anne Gusman**
**[ID 446975(M)], u b`digriet tal-20 ta` Ottubru 2020 il-kunjom "Gusman" gie sostitwit bil-kunjom "Spiteri"**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fl-<u>14 ta` Mejju 2018</u> u li jaqra :–

*1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni extra-maritali ghal numru ta` snin, liema relazzjoni llum spiccat.*

*2. Illi waqt li kienu jikkoabitaw flimkien, l-esponenti kien xtara diversi oggetti u dahhal hafna oggetti li kienu jappartjenu lilu fil-fond fejn kienu jikkoabitaw, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Illi xi ftit snin ilu, u cioe` fil-bidu ta` Dicembru 2015, l-esponenti kien sellef is-somma ta` tmienja u hamsin elf Euro (€58,000) brevi manu lill-intimata, billi l-intimata kienet fil-process illi takkwista l-proprjeta` 44, Ruby Marine, Qormi Road, Birkirkara BKR u hi stess kienet talbitu jsellifilha din is-somma billi qaltlu li kellha bzonn il-flus, u l-esponenti kien accetta li jsellifhomlha, u kienet l-intimata stess illi obbligat ruhha lejn l-esponenti illi din is-somma tintradd lura lilu sa` Dicembru 2017.*

*4. Illi oltre s-somma ta` tmienja u hamsin elf Euro (€58,000), hemm dovuta somma ohra ta` elfejn u seba` mitt Euro (€2,700), liema somma kienet giet mislufa mill-esponenti lill-intimata ftit ftit f`numru ta` okkazzjonijiet, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Illi r-relazzjoni ta` bejn il-partijiet spiccat xi ftit xhur ilu u l-esponenti talab lill-intimata sabiex trodd lura l-ammont mislufa lilha u sabiex tirritorna l-oggetti appartenenti lilu u li llum jinsabu fil-fond proprjeta` tal-intimata u cioe 44, Ruby Marine, Qormi Road, Birkirkara, izda l-intimata baqghet inadempjenti, minkejja li ammettiet bil-miktub li l-ammont ta` sittin elf Euro (€60,000) attwalment kien gie misluf lilha, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*7. Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi :*

*1. Tiddikjara illi l-intimata ghandha trodd lura lill-esponenti s-somma komplessiva ta` sittin elf u seba mitt Euro (€60,700) rapprezentanti self brevi manu, moghti mill-esponenti lill-intimata.*

*2. Tiddikjara illi l-intimata qed izzomm diversi oggetti fil-pussess taghha appartenenti lill-esponenti.*

*3. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lura lill-esponenti s-somma ta` sittin elf u seba` mitt Euro (€60,700).*

*4. Tikkundanna lill-intimata sabiex trodd lura dawk l-oggetti mobbli appartenenti lill-esponenti u li jinsabu fil-pussess taghha fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti u, fin-nuqqas, tikkundanna lill-intimata ghall-multa minhabba disprezz lejn l-awtorita` taghha.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju Nru 673/18, u b`rizerva ghall-azzjoni kriminali spettanti lill-esponenti u bl-imghaxijiet legali fuq is-somma mislufa kkalkolati mid-data tal-prezentata ta` dan l-att sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-<u>13 ta` Gunju 201</u>8 li taqra :-

*1. Illi huwa minnu li l-partijiet kellhom relazzjoni, hu mar jghix maghha f`Dicembru 2013, liema relazzjoni damet erba` snin u ftit xhur, u spiccat fit-13 ta`April 2018.*

*2. Illi huwa minnu li hu xtara diversi oggetti waqt li huma kienu jikkoabitaw flimkien, izda fil-fatt ha diversi oggetti meta telaq inkluzi hafna affarijiet li jappartjenu lilha, fil-fatt hija kellha tibghatlu ittra legali sabiex jirritona l-affarijiet li ha u kellha taghmel rapport l-ghassa ghax l-affarijiet taghha li hu ha minghajr il-kunsens taghha, baqghu ma gewx irritornati.*

*3. Illi assolutament mhux minnu li hi qatt talbitu biex isellifha jew li hu sellef lilha s-somma ta` 58,000 ewro self brevi manu kif qed jallega fir-Rikors Guramentat tieghu, din hi gidba sfaccata u r-rikorrent ha gurament falz meta kkonferma r-rikors tieghu bil-gurament, u lanqas hu minnu li hi obbligat ruhha li troddlu lura s-somma sa Dicembru 2017.*

*4. Illi huwa minnu li kien ghaddielha somom zghar ta` flus liema somma ma kinitx teccedi l-elfejn ewro, izda min-naha taghha hija halset il-kontijiet tas-servizzi tal-post fejn huma kienu qed jghixu flimkien u kienet thallas ukoll loan.*

*5. Illi mhux minnu li hi ammettiet bil-miktub li hu kien sellifha s-somma ta` 60,000 ewro, kien hu jew terzi mqabbdin minnu li dahlu fl-email taghha u hhekjawh, liema agir hu wiehed illegali u kriminali.*

*6. Illi kieku sellifha dik is-somma zgur mhux forsi li kien jehodha ghand nutar biex tiffirmalu xi skrittura izda dan qatt ma sar ghax dak is-self qatt ma sar.*

*7. Illi l-kawza hi sempliciment biex jipprova jkissrilha hajjitha talli r-relazazjoni taghhom spiccat billi jdahhalha fl-ispejjez gudizzjarji.*

*8. Illi hija kellha zewg postijiet wiehed il-Mosta u l-iehor San Pawl il-Bahar li bieghat u kellha ghalhekk mezzi finanzjarji u bosta assi, dan kollu ser jigi ppruvat waqt il-kawza u hi ghandha provi ukoll ta` fejn kien nefaq hu l-flus li kellu.*

*9. Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fi dritt kif ser jirrizulta mill-provi.*

*10. Illi ghandu jkun hu li ghandu jirritorna l-affarijiet kollha taghha li hu ha mill-post taghha, liema affarijiet jappartjenu lilha.*

*Salv Eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li hu minn issa ngunt in subizzjoni*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata mar-risposta guramentata.

Rat il-provi.

Rat l-atti l-ohra.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

## II. <u>Provi</u>

**<u>L-attur</u>** xehed illi sar jaf lill-konvenuta fl-2012. Kienet toqghod Triq il-Htajriet, Mosta, u kellha post tas-sajf 80, Triq Parades, San Pawl il-Bahar. Meta ltaqghu kienet segretarja fil-Kunsill Lokali ta` Santa Venera. Siefru flimkien f`Dicembru 2013. Meta gew lura fil-5 ta` Jannar 2014 marru jghixu flimkien fil-post taghha ta` San Pawl l-Bahar.

Kompla jixhed illi fl-10 ta` Mejju 1998, hareg bil-pensjoni bhala Spettur tal-Pulizija. Thallas somma ta` Lm 11,000 bhala parti mill-pensjoni, apparti li baqa` jircievi pensjoni tat-Tezor u pensjoni tas-sigurta` socjali.

Stqarr li f`Gunju 1998, beda jigi appuntat mill-qrati bhala espert f`inkjesti ; sal-2007, kien inhatar bhala espert f`aktar minn 1000 inkjesta. Fl-2008 sar Vici Sindku ta` Santa Venera. Fl-2010 sar Sindku tal-istess lokalita`.

Kompla stqarr illi fil-bidu ta` April 2013, ghadda lill-konvenuta €6,000 sabiex izzommhom. Hija poggiethom go kont li kellha ma`Banif Bank. Hija heggitu sabiex jiftah kont mal-istess bank u hekk ghamel fis-27 ta` April 2013.

Xehed illi wara 35 sena mizzewgin, hu u martu nfirdu. Fid-9 ta` Settembru 2013, mar joqghod fi flat San Pawl l-Bahar. F`Jannar 2014

mar jikkoabita mal-konvenuta.  Huwa ma xtaqx imur ighix maghha l-aktar ghaliex kien se jispicca minghajr post tieghu, imma minhabba l-pressjoni li ghamlitlu accetta li jmur ighix mal-konvenuta. Kienet qaltlu li ma kienx se jkollu x`jaqsam xejn ma` hlasijiet ta` kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Meta mar joqghod mal-konvenuta ha mieghu : hwejjeg ; deheb u gojjelli ; kollezzjoni ta` suldati ta` kull kwalita ; platti, tazzi, souveniers, statwetti, kwadri, basktijiet, xorb alkoholiku. Fil-kont li kellu ma` Banif Bank kien beda jaghmel depoziti ; sat-22 ta` Awissu 2013, kellu depozitati €15,090.57.  Sal-ahhar tal-2013, beda johrog flus mill-kont u kien jaghtihom lill-konvenuta biex izzommhom ghandha.  Sas-26 ta` Dicembru 2013, kien kwazi ezawrixxa l-flus kollha li kienu depozitati fil-kont tieghu ghaliex kien ghaddihom lill-konvenuta.

Kompla jixhed illi kellu wkoll €50,000 li kienu merfughin fid-dar matrimonjali tieghu. Meta telaq mid-dar taz-zwieg ha dawn il-flus mieghu flimkien ma` xi oggetti prezzjuzi u poggihom go *safety deposit box* fil-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta.  Fis-*safety deposit box* qieghed €40,000 u meta mar ighix mal-konvenuta ha mieghu €10,000. Inoltre huwa kien jaghti lill-konvenuta somom zghar ta` flus bl-intendiment li meta jkollu bzonn jitlobha u taghtih il-flus. Waqt ir-relazzjoni taghhom, hu qatt ma talab flus mill-konvenuita imma kien jitlobha rendikont ta` kif kienet qed tuzahom. Hi pero` qatt ma taghtu rendikont.

Stqarr illi meta marru joqghodu flimkien, huwa beda jsajjar, jahsel il-hwejjeg, jonxor, jahsel l-art, u jaghmel ix-xirjiet kbar u zghar. Kien ighaddi lill-konvenuta flus ghal gass u ghall-kontijiet tad-dawl, tal-ilma, telephone u television. Dak iz-zmien il-konvenuta kellha xoghol *full-time* imma hu kien jahdem xi affarijiet l`hemm u l`hawn u ghalhekk kellhu hafna hin liberu ; ghalhekk kien jiehu hsieb d-dar. Meta marru ghal xi btala dejjem kien ihallas hu mhux biss ghall-vjagg imma anke ghal spejjez ohra.

Kompla stqarr li ghall-habta ta` Gunju 2014, saru jafu li iben il-konvenuta, Gabriel Gusman, li dak z-zmien kien jghix ma` missieru, kien hebb ghalih u ghalhekk marru fuq il-post il-pulizija u l-RIU. Jidher li l-incident kien inqala` ghaliex kien talab l-mobile lil ohtu u ghax irrifjutat kisser t-telephone tad-dar, il-bieb tal-kamra tas-sodda, u beda jidghi u jitkellem hazin.  Wara dak l-incident, Gabriel mar ighix maghhom.

Fisser li t-tifel kien sors ta` inkwiet kbir bejniethom. Kien jaghmel perijodi twal ma jahdimx. Il-konvenuta kienet xtratlu zewg karozzi ; it-tieni karozza gabha *total loss* meta baqa` diehel f`karozza pparkjata. Ittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu. Meta gie ghat-tielet karozza, huwa kkonvincja lill-konvenuta sabiex ma taghtix aktar flus lit-tifel. U minflok kien sellfu l-flus hu.

Xehed illi matul ir-relazzjoni taghhom, sab nieqes xi deheb u mijiet ta` ewro kontanti. Qal b`dan lill-konvenuta ghaliex haseb li kien qed johodhom it-tifel. Spiccaw ghalqu l-bieb tal-kamra tas-sodda b`katnazz imma darba qabduh li kien dahal fil-kamra tas-sodda.

Kompla jixhed illi f`Novembru 2014, il-konvenuta qaltlu li kienet harget parti sostanzjali tal-flus li kellha depozitati mal-Banif Bank. Huwa fehem li dawn kienu l-flus li kien taha qabel. Kienu qed ifittxu dar biex imorru jghixu flimkien u hi riedet tixtri *terraced house*. Minhabba l-fatt li kien ghadu ghaddej bil-kawza ta` separazzjoni ma setax jidher fuq il-kuntratt. Fid-19 ta` Novembru 2014, iffirmaw konvenju sabiex jixtru l-fond 44, Laetere, Triq Hal-Qormi, Birkirkara, ghall-prezz ta` €230,000. Fid-9 ta` Dicembru 2015, sar il-kuntratt ta` akkwist. Dakinhar ukoll l-intimata bieghet il-post li kellha San Pawl il-Bahar ghal madwar €120,000. Meta kienet waslet biex tixtri l-post, l-intimata talbitu self ta` €28,000 li kienet qed izomm ghandha u €30,000. Huwa taha dawn il-flus. Weghditu li thallsu lura sa Dicembru 2017, izda dan qatt ma gara. Billi kienu f`relazzjoni barra z-zwieg, ma saret ebda skrittura ta` self bejniethom.

Xehed illi fiz-zmien kemm dam jikkoabita mal-konvenuta, huwa xtara kamra tas-sodda matrimonjali ghal €1,000 fis-16 ta` Gunju 2015, u saqqu ta` €300 fil-5 ta` April 2016. Ohtu kienet tatu senduq, settijiet tal-platti, kikkri, plattini u affarijiet ohra. Hafna minn dawn ghandhom fid-dar tal-konvenuta. Hallas €30 fix-xahar ghal Isports Channel, u sellef lill-konvenuta ammonti zghar ta` flus li kiteb f`diary ghalkemm ma kienx jikteb l-ammonti kollha li kien jghaddilha. Hallsilha wkoll l-*health insurance* ghal hames snin wara xulxin. Fl-14 ta` Gunju 2017, kien hadilha l-laptop ghat-tiswija u kien hallas €160. Hallas ukoll €400 ghall-istallazzjoni ta` airconditioner. Meta marru fuq cruise xtara xi affarijiet li huma collectables : suldati partikolari minn Corfu ; Achilles fuq ix-xarretta : € 200 ; l-ahhar cena : aktar minn € 200. Fi Frar 2014, biegh il-karrozza tieghu Toyota Vitz u xtara Nissan Qashqai *second-hand.* Fuq parir tal-konvenuta, il-karozza kienet registrata f`isimha, ghalkemm huwa hallas il-pagamenti tal-karozza.

Qal illi r-relazzjoni ta` bejniethom tgharrqet. Ghalhekk telaq mid-dar. Kienu ftehmu li l-konvenuta taghtih €58,000) u madwar €3,000 ohra li kien silifha. Biex ikun cert fuq il-ftehim baghtilha email fil-24 ta` Marzu 2018, fejn elenka l-affarijiet kollha li kienu tieghu u li ried jiehu lura u dwar l-flus. Kienu skambjati emails bejniethom.

Ipprezenta Dok HAA1. Dan juri transazzjonijiet bejn 2014 u 2017 ta` kont bankarju tal-cashlink mal-Bank of Valletta f`ismu. Kien juza wkoll flus kontanti, kif ukoll cards. Fir-rendikont hemm dak li kien jixtri mis-supermarkets, rigali, safar u medicini. Ix-xirjiet huma dawk li kien jaghmel hu meta kien mar ighix maghhom it-tifel tal-konvenuta wkoll. Juri wkoll hlasijiet li saru f`restaurants meta kien imur jiekol mal-konvenuta.

Ipprezenta Dok HAA2. Dan juri transazzjonijiet li saru tal-kont bankarju mal-Bank of Valletta dwar il-Visa Gold. Dawn wkoll jirreferu ghal supermarkets, restaurants, rigali u hotels. Minn hawn jidher ukoll dak li kien hallas ghat-tiswija ta` laptop tal-intimata li thallas bl-intiza li jithallas lura.

Ipprezenta Dok HAA3. Dan huwa savings account mal-Bank of Valletta.

Ipprezenta Dok HAA 4. Dan juri l-hlas li kien jaghmel tal-health insurance tal-konvenuta.

Ipprezenta Dok HAA 5. Dan huwa certifikat ta` Sterling ta` rigal li kien xtara lill-konvenuta.

Ipprezenta Dok HAA 6. Din hija ricevuta ta` saqqu li xtara u li ghadu ghand il-konvenuta.

Ipprezenta Dok HAA 7. Din hija ricevuta ta` hlasijet li kien ghamel biex twahhal airconditioner li kien rebah f`lotterija.

Ipprezenta Dok HAA 8. Dan jirreferi ghar-riparazzjonijiet ta` laptop, li qieghed ghandu.

Pprezenta Dok HAA 9.  Din hija korrispondenza b`email li saret bejn l-24 ta` Marzu 2018 u s-6 ta` April 2018.  Talab lill-konvenuta taghtih lura is-€60,000 li kien taha b`self.  Ghalkemm kienet qaltu li se taghtih il-flus, ma ghamlet xejn minn dan.  Ghalhekk iddecieda li jibghat l-emails billi ma kellu xejn bil-miktub dwar is-self.

Ipprezenta Dok HAA 10.  Din hija *visit form* tal-Bank of Valletta. Kien mar jiehu €30,000 mis-*safety deposit box* biex jaghtihom lill-konvenuta.

Ipprezenta Dok HAA 11.  Dan huwa statement tal-Bank of Valletta li juri meta gibed €10,000 biex jiddepozitahom mal-Banif Bank.

Ipprezenta Dok HAA 12.  Dan huwa stgatement ta` Banif Bank u li juri meta kienu depozitati ma` dak il-bank l-€10,000 fil-11 ta` Mejju 2013. Il-varji zbanki li jidhru fl-statement huma kollha flus li kien gibed biex jaghtihom lill-intimata. Kienu ftehmu li jaghtiha dawn il-flus kontanti biex izzommhom ghandha..

Ipprezenta Dok HAA13.  Din hija lista ta` oggetti tieghu li kienu jinsdabu gbhand il-konvenuta.

**<u>Fil-kontroezami</u>,** mistoqsi jekk fil-perijodu ta` bejn l-2007 u l-2010 kellu introjtu regolari, stqarr li ma kienx regolari, izda kien jaqla` madwar €1000 fix-xahar.  Lill-konvenuta taha €6,000 f`kontanti fil-15 ta` April 2013. Qabel bdew johorgu flimkien f`Mejju 2013, diga kienu hbieb intimi. Imbaghad fetah il-kont fil-Banif Bank ftit wara imma ma kienx staqsa lill-konvenuta ghal dawn l-flus biex jitpoggew fil-kont. Talab lill-konvenuta biex izzomm il-flus hi sabiex il-mara tieghu ma tkunx tista` tohodhom. Qal illi l-procedura tas-separazzjoni personali mill-mara tieghu kienu ghadhom pendenti.  Bejniethom ma kienx hemm separazzjoni tal-beni. Stqarr illi t-€30,000 li talbitu l-konvenuta u li ghaddielha kienu f`kontanti.

**<u>Il-konvenuta</u> xehdet in subizzjoni.**

Stqarret illi meta ltaqghet mal-attur kienet ghadha mizzewga. Dak iz-zmien kellha l-komunjoni tal-akkwisti mr-ragel, u kienet

ghamlet s-separazzjoni tal-beni ftit qabel ma marret tghix mar-rikorrent. Tghid li xtrat ir-residenza attwali taghha bi flusha anke bir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` li kienet bieghet. Apparti l-post ta` San Pawl l-Bahar, kellha wkoll nofs id-dar matrimonjali, li kienet nbieghet. Ghalhekk meta akkwistat id-dar prezenti taghha kellha l-flus mill-bejgh tal-post ta` San Pawl l-Bahar u nofs ir-rikavat tal-bejgh tad-dar taz-zwieg.

Xehdet illi l-email address taghha huwa lougus108@gmail.com. Ghal xi zmien l-indirizz kien gie *hacked* ; fil-fatt hemm kaz mal-pulizija.

Mistoqsija fejn jinsabu l-oggetti li semma l-attur, stqarret li l-vetrina mhijiex tal-attur imma taghha ghaliex hi kienet xtratha. Tghid li l-affarijiet mhux kollha qeghdin ghandha. L-affarjiet li ghadhom d-dar huma : i) sett tal-kamra tas-sodda u hwejjeg li halla fihom ; ii) senduq u xkaffa ta` mieghu ; iii) zewg corners ; iv) airconditioner Artel ; v) bagalja Dunlop u ohra J Design – li huma taghha ; vi) tagen kbir – taghha wkoll kien rebhitu ; vii) gramaphone – dan qieghed ghandha ghaliex l-attur ha taghha ; viii) kwadru tal-ahhar cena ; u ix) xarretta u xi suldati ohra. Affarijiet li m`ghadhomx ghandha huma : i) vettrina fejn hemm s-suldati - din bieghtha; ii) platti u pozati – hadhom l-attur ; iii) mugs tal-familja rjali – hadhom l-attur u iv) fan tal-elettriku kbir li l-attur tah lil martu.

Ipprezentat numru ta` emails (Dok LAG 1) li juru li l-email taghha kien *hacked*.

Ipprezentat il-kuntratt tal-bejgh tal-post ta` San Pawl il-Bahar li sar fid-9 ta` Dicembru 2015 (Dok LAG 3).

Ipprezentat il-kuntratt tal-bejgh tad-dar taz-zwieg li sar fid-29 ta` Settembru 2015 (Dok LAG 4).

Ipprezenta r-ricevuta tal-hlas tal-vetrina (Dok LAG 5).

Stqarret illi l-kont li kellha mal-APS Bank kien jintuza biex jithallas is-self tal-post ta` San Pawl il-Bahar u ghall-wirt tal-genituri taghha. Kellha kont il-Bank of Valletta u kienet tuzah ghall-wirt tal-

genituri. Kellha kont l-HSBC fejn kienet tiddepozita mill-wirt ta` ommha u dak li kienet bieghet. Fil-kont tal-Banif Bank kellha ammonti sostanzjali relattivi ghall-wirt tal-genituri.

Ipprezentat l-att tas-separazzjoni tal-assi (Dok LAG 7).

Ipprezentat rendikont tal-fixed account tal-Banif (Dok LAG 8), u tal-kontijiet kollha mal-istess bank (Dok LAG 9).

Ipprezentat Dok LAG 10 : il-hlas tas-sehem taghha wara s-separazzjoni mil-life insurance policy li hi u zewgha kellhom mal-Middlesea.

Ipprezentat Dok LAG 11 : il-hlas tas-sehem taghha minn skema ta` pensjoni.

Ipprezentat Dok LAG 12 dwar stocks tal-Gvern.

**Il-konvenuta tat ukoll ix-xiehda taghha minn jeddha.**

Xehdet illi f`Dicembru 2012 saret taf lill-attur. Fit-28 ta` Dicembru 2013, baghtet ittra lir-ragel taghha li kienet se tibda l-proceduri tas-separazzjoni personali. Dakinhar stess ghamlet *booking* biex hi u l-attur imorru Londra. Hallset ghall-vjagg.

Kompliet tixhed illi l-attur irtira mill-Pulizija fl-1998. Saret tafu 14-il sena wara li kien irtira mill-Korp. Il-hlas tas-somma li kien thallas meta rtira kien diga` nefaqha mal-familja tieghu. L-attur telaq mid-dar tieghu fid-9 ta` Settembru 2013. Mar ighix go appartament San Pawl il-Bahar. Kellu argument ma` sid il-kera u mar ighix ghandha. Ghalkemm beda joqghod ghandha, qatt ma talbitu jhallas kera jew kontijiet ta` kera, dawl, ilma, telephone jew internet. Kienet tghidlu li suppost ghandu jhallas xi haga u li kienet se taghtih kont. Ghalkemm kienet ippreparat dan l-kont qatt ma taghtu l-kont. Meta kienu jghixu flimkien, kienet hi li kienet taghmel x-xirjiet.

Xehdet illi qatt ma qalilha li missieru u ommu kien tawh xi flus. Tghid li r-rikorrent kien ihobb imur jiekol barra, u hi kienet tghidlu li ma jistghux jonfqu daqshekk, ghaliex kienu jaqsmu l-kontijiet u hi riedet tixtri dar. Tiftakar li r-rikorrent kellu jhallas s-successjoni ta` missieru, ta` ommu u ta` zijuh. Tghid li kienet thallas anke l-kont tal-mobile tieghu direttament mill-visa taghha. F`April 2014, qaltlu li ma kenitx sejra tibqa` thallsu u nqalleb ghal fuqu.

Kompliet tixhed illi l-attur qatt ma wrieha fejn kien izomm il-flus, u hi qatt ma zammitlu flus. Meta kienu jsiefru, hi kienet thallas ghal affarijiet taghha. Tghid li l-attur ghandu *safety deposit box* fejn kien iqiegħed flus li ma riedx li jidhru fil-kont bankarju u l-mara tieghu ma setghetx tohodhom.

Qalet illi wara li l-attur telaq mid-dar taz-zwieg, it-tnejn riedu jibdlu l-karrozza u marru ghand Ventur ta` Hal-Lija. Hemm sar tpartit tal-karozza li kellu l-attur ma` Nissan Qashqai.  Talabha sabiex il-vettura tkun registrata fuq isimha ghaliex il-kawza tas-separazzjoni tieghu kienet ghadha pendenti. Hu ma riedx ihallas l-€1000 li kienu dovuti fuq il-vettura ; ghalhekk Ventur spicca ghamel mandat ta` sekwestru fuq il-kontijiet bankarji taghha. Fil-fatt spiccat hallset kollox hi sabiex tillibera l-kontijiet bankarji.  L-attur baqa` ma hallasha xejn.

Stqarret illi fil-bidu tar-relazzjoni l-attur kien qalilha li xtaq li jitfghu kollox f`kont wiehed, izda hi ma rieditx. Imbaghad ir-rikorrent feta kont il-Bank of Valletta, u hi bdiet tqieghed flus go dan l-kont. Darba r-rikorrent qalilha biex jiddepozitaw €20,000 fil-kont. Bdew juzaw il-flus li kienu depozitati.  Marru Cipru ghal trattamenti medici. Hi kienet tuza l-flus ghal safar li kienu jaghmlu flimkien. Ir-rikorrent qatt ma kien ghaddielha flus kontanti. Kien jghidilha li biex il-mara tieghu ma tehodlux flus, ma kienx juza l-kontijiet tal-bank u li kif kien jircievi l-pensjoni kien johrog il-flus fil-pront f`kontanti. Qalet li ma taf xejn bil-flus li r-rikorrent qed jghid li kellu..

Kompliet tistqarr wara li binha mar ighix maghhom, l-attur beda jghir ghalih.

Xehdet illi mhux minnu li f`April 2013, l-attur taha €6000. Ghall-konvenju u ghall-kuntratt tad-dar ta` Birkirkara, l-attur ma kienx prezenti. Hi talbitux flus ghaliex kellha bizzejjed biex tixtri d-dar l-gdida. Meta xtrat din d-dar kienet qabdet haddiema biex jaghmlu xoghol fiha.  L-attur ma kienx ghamel xoghol.

Stqarret li hija dejjem qalet lill-attur illi dak li huwa tieghu jaqa` fuq it-fal tieghu u dak li hu taghha jaqa` fuq it-tfal taghha. Qaltlu illi jekk jigri xi haga bejniethom kienet lesta thallih fid-dar ghal sena, massimu sentejn.

Kompliet tghid illi l-attur qalilha li se jitlaq fit-13 ta` April 2018. Hu qatt ma qalilha li kien sellifha xi flus. Din tas-self harget biss fl-email li huwa baghat. L-emails li l-attur ighid li baghat qatt ma rathom. Ir-risposta li hemm li kienet se thallsu ma kitbithiex hi ghaliex l-*account* taghha kien gie *hacked*. Fil-fatt ghamlet rapport dwar dan kollu mal-Cyber Crime Unit tal-Pulziija.

Dwar il-mobbli, xehdet illi meta kienu ghadhom joqghodu San Pawl il-Bahar, kienet se tixtri kamra tas-sodda. Meta marru jarawha l-attur ried jixtriha hu. Hi hallset ghat-trasport kemm meta hadu ghamara lejn San Pawl l-Bahar kif ukoll meta hadu affarijiet ghal Birkirkara. Qabel ma telaq mid-dar ried li hi tixtri l-ghamara. Hi qatlu li ladarba qatt ma kien hallas ghad-dawl, ilma u spejjez ohra seta` jhalli l-kamra tas-sodda. Qaltlu li jekk ihalli l-ghamara ghandha, kellu jhallasha talli li qed izommhom. Qatt ma hallasha jew mar ghall-ghamara. Il-bqija tal-oggetti bhal platti, kikkri, plattini u affarijiet ohra li taghtu ohtu hadhom kollha. Dwar il-vetrina, insistiet li dik xtratha minn habiba taghha Rose Portelli, u kellha ricevuta. L-attur ma hallas xejn minn dik il-vetrina. Hi kienet hallietu juza l-vetrina biex iqieghed il-kollezzjoni ta` suldati u xi affarijiet ohra. Il-vetrina llum inbieghet.

Kompliet tixhed illi fl-2017 meta waqqfet lill-kuntrattur ghaliex kien qed jaghmel xoghol hazin kellha thallsu €10,000. Billi kellha hafna spejjez ftehmet mal-kuntrattur li thallsu akkont ta` €4,000 u l-bqija thallas €1,000 fix-xahar. Issellfet €3,000 minghand it-tifla taghha u harget €1,000 hi. Talbet lill-attur jaghtiha xi flus biex tkun tista` thallas lill-kuntrattur u kien taha €1,500. Dwar il-health insurance, mhux veru li kien ihallasha l-attur. Billi hija kienet impjegata l-Kunsill Lokali, l-assikurazzjoni kienet tithallas mill-Kunsill.

Dwar il-laptop stqarret li kien l-attur li qabad u hadu ghand Scan izda dawn ma setghux jigbdu d-data. Ghalhekk l-attur ha l-laptop ghand xi hadd iktar tekniku u li kien jafu. Id-data personali taghha ghadha ghand l-attur. Fil-fatt ghamlet rapport mal-pulizija dwar dan.

Xehdet illi l-attur xtralha mobile phone Samsung J3 bhala rigal. Meta talbitu flus biex tixtri affarijiet ghad-dar, dejjem irrifondiethom. Meta kien telaq mid-dar ha mieghu affarijiet personali taghha u qatt ma raddhom. Dak li hadilha huwa ndikat f`rapport li ghamlet mal-pulizija.

Ipprezentat Dok GLA1 li hija l-lista ta` oggetti taghha li ha l-attur mieghu meta telaq mid-dar.

Fil-**kontroezami,** ikkonfermat li r-relazzjoni mal-attur bdiet f`Mejju 2013. Marru jghixu flimkien f`Dicembru 2013. Is-separazzjoni tal-beni minn ma` zewgha saret fit-3 ta` Dicembru 2013.

Qalet li meta kienet tikkoabita mal-attur kienet thallas kollox hi. L-attur qatt ma hallas ghal xejn. Hija kienet tghidlu niex jibda jhallas specjalment wara li mar jghix maghhom it-tifel taghha. Dan ma kienx mal-attur u gie nqalghu ncidenti zghar bejniethom. Cahdet illi t-tifel kien vjolenti maghha u li kien dahal jiddefendiha l-attur.

Mistoqsija jekk kienx hemm arrangament bejniethom li ghalkemm kienet thallas bil-visa, mbaghad ir-rikorrent kien ihallasha lura, wiegbet illi hu qatt ma hallasha.

Ipprezentat numru ta` rendikonti bankarji (Dok X1 sa Dok X11).

Mistoqsija dwar l-lista li pprezenta l-attur (fol 376) stqarret illi l-bagalji u l-vetrina kienu taghha. Dwar it-tagen kbir, dak kienet rebhitu, il-gramaphone kien taghha ghaliex hi kienet xtratu, il-mugs hadhom kollha u l-Koran kien rigal tal-attur. Taccetta li kellha taghtih c-cena (para. 31) u s-suldat biz-ziemel (par. 40). Is-settijiet tal-platti, kikkri u tazzi diga hadhom lura.

Xehdet illi wara li xtrat id-dar ta` Birkirkara, hadet self ta` €10,000 mill-Bank of Valletta biex tixtri affarijiet ghad-dar.

Qalet li r-relazzjoni ta` bejniethom intemmet ghaliex l-attur ried li fit-testment taghha thallilu d-dar b`uzufrutt u hi ma rieditx.

Ikkonfermat illi qatt ma ammettiet li hija debitrici tal-attur.

**<u>L-Ispettur tal-Pulizija Timothy Zammit</u>** ipprezenta rapport li ghamlet l-intimata mas-Cyber Crime Unit tal-Pulizija fid-9 ta` Gunju 2018 (Dok EZ1).

**<u>L-Ispettur tal-Pulizija Elton Taliana</u>** pprezenta r-rapport (Dok ET1) li ghamlet il-konvenuta dwar *hacking* tal-email address taghha. Il-kaz huwa maghluq ghaliex ma setghux ikomplu bir-rapport. Il-konvenuta ghamlet rapport iehor (Dok ET2) fejn allegat li l-attur kien hadilha numru ta` affarijiet. L-attur tressaq quddiem il-qorti tad-distrett ta` Birkirkara. B`kollox bejn il-partijiet kien hemm erba` rapporti.

## III. <u>Sottomissjonijiet</u>

### 1. <u>L-attur</u>

**<u>Fil-qosor</u>**.

Mhux kontestat li bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni barra z-zwieg li ntemmet.

L-attur qieghed jirreklama minghand il-konvenuta l-hlas lura ta` €60,700. Meta l-konvenuta giet biex takkwista d-dar ta` Birkirkara l-attur ighid li talbitu self ta` €30,000, u €30,000 ohra. Dawn iz-zewg ammonti flimkien ma` €2700 li l-attur ighid li silef lill-konvenuta aktar tard jaghmlu s-somma ta` €60,700. Kien hemm ukoll ammont ta` €28,000 li skont l-attur qeghda tinzamm mill-konvenuta wara li kienet irceviethom minghandu f`kontanti fl-2013. L-attur qieghed jirreklama wkoll ir-ritorn ta` numru ta` oggetti li jghid li huma tieghu u li l-konvenut zammet ghandha wara li ma baqghux ighixu flimkien. Jirrizulta li l-bicca l-kbira ta` dawn l-oggetti marru lura ghand l-attur fil-mori tal-kawza.

Skont l-attur, irrizulta mill-provi li meta l-partijiet iltaqghu huwa kien jircievi l-pensjoni tal-pulizija, kif ukoll introjtu iehor li fisser fl-affidavit tieghu. Meta kien sar jaf lll-intimata, fuq suggeriment taghha,

fetah kont il-Banif Bank u ddepozita €1000 fis-27 ta` April 2013 u €10,000 fil-11 ta` Mejju 2013. Kif jirrizulta mill-istatements li kienu prezentati, sal-ahhar ta` dik s-sena, l-attur kien ghamel numru ta` zbanki l-aktar mill-ATM, sakemm kien fadallu biss €9.52 fil-kont. Xehed li huwa ghadda kull ma zbank lill-konvenuta biex izzommhom ghandha. Meta telaq mid-dxar taz-zwieg, ha mieghu €50,000 ; minnhom ghadda €10,000 lill-konvenuta biex izzommhom ghandha u l-bqija qeghdhom f` *safety deposit box*.

Skont l-attur huwa kien johrog spejjez ta` kuljum u pprezenta statements tal-Bank of Valletta (Dok HAA 1 u Dok HAA 2).

L-attur jissottometti li huwa ragjonevoli li wiehed jistaqsi ghaliex huwa ghadda dawk il-flus lill-intimata minghajr ma rregistra xejn bil-miktub. L-ispjegazzjoni tieghu kienet *xi hadd li thobbu mhux ha toqghod taghmel skrittura*. L-intiza mal-konvenuta kienet li setghet tuza dawk il-flus, imma mbaghad kellha troddhom lura.

Dwar li l-attur ghadda somma sostanzjali ta` flus lill-intimata, issir referenza ghal Dok HAA 10 li hija *visit form* datata 13 ta` Novembru 2015 ta` meta l-attur mar il-Bank of Valletta sabiex fetah is-*safety deposit box* u ha €30,000 fi flus kontanti sabiex jaghtihom lill-intimata. Skont l-attur, il-flus intuzaw ghall-akkwist tad-dar ta` Birkirkara ghaliex il-vista lill-bank kienet ftit gimghat qabel sar il-kuntratt fid-9 ta` Dicembru 2015. Jishaq illi l-aqwa prova tas-€60,000 kien l-iskmabju tal-emails bejn l-24 ta` Marzu u s-6 ta` April 2018. Skont l-attur, dawk l-emails huma konferma li hu kien ghadda dawk il-flus lill-konvenuta u fejn mhux biss accettat li hadet il-flus izda li sejra taghtihom lura. L-iskuza tal-konvenuta biex twaqqa` l-veracita` tal-emails kienet illi l-email address taghha kien gie *hacked.* L-attur jistaqsi kif setghet l-intimata tassumi li r-rikorrent kien ircieva risposta ghall-emails li kien baghtilha jew dawn ma ntbaghtux minnha ? U kif assumiet li l-email taghha kien gie *hacked* meta kienet diga` lahqet baghtet zewg risposti lir-rikorrent, fejn ammettiet darba, darbtejn li kienet debitrici tieghu ? L-attur jishaq illi r-rapport lis-Cyber Crime Unit tal-Pulizija sar fis-6 ta` Gunju 2018, ftit granet biss qabel ma il-konvenuta pprezentat ir-risposta guramentata.

L-attur jattakka l-kredibilita` tal-verzjoni tal-konvenuta anke fejn tafferma li ghalkemm tghid li ma kellhiex bzonn ta` flus biex takkwista d-dar ta` Birkirkara, irrizulta li hija fil-fatt kienet hadetself mill-Bank of Valletta ta` €10,000.

## 2. **Il-konvenuta**

**Fil-qosor**.

Tissottometti li l-attur jaccetta li minhabba li fiz-zmien meta kellhom relazzjoni kien beda l-proceduri tas-separazzjoni mill-mara tieghu, huwa kien johrog il-flus li kellu fid-dar taz-zwieg u f`kontijiet tal-bank biex il-mara ma tkunx tista` taccedi ghalihom.

Tichad li hija debitrici tal-attur fl-ammont ta` €60,700 u ta` dan ghamlet il-prova b`dokumenti li kellha bizzejjed mezzi biex tkun tista` takkwista wahidha d-dar ta` Birkirkara minghajr ma jkollha bzonn tissellef minghand l-attur.

Skont il-konvenuta, il-pern ta` din il-kawza huwa s-self *brevi manu* li r-rikorrent jallega li ghamel lilha. Kieku tassew sar self tant qawwi ma kienx jaghmel sens li l-attur ma jaghmel xejn bil-miktub, aktar u aktar meta l-attur allega li kien talabha taghtih rendikont tal-flus u hi qatt ma tat dan ir-rendikont. Irrimarkat li lanqas l-attur stess ma ftakar dettalji dwar dani s-self : meta u kif inghata. Ghalkemm ighid li mar gabar €30,000 mis-*safety deposit box* li kellu l-Bank of Valletta, meta mar biex jghaddihom lilha, ighid li l-flus gew mill-Banif Bank mhux mill-Bank of Valletta.

Skont il-konvenuta,huwa car mix-xiehda li ta r-rikorrent li huwa pjuttost rghib ghall-flus. Dan johrog car ghaliex rrizulta li wara zwieg ta` 35 sena pprova jaghmel li seta` biex jevita li l-mara tiehu l-flus tant li jghid li l-flus kontanti li ha mieghu meta telaq mid-dar taz-zwieg poggiehom go *safety deposit box*.

Il-konvenuta tirreferi ghal inkonsistenzi fix-xiehda tar-rikorrent. L-ewwel ighid li kellu hafna hin liberu imma mbaghad ighid li bejn l-2007 u l-2010 ghamel zmien konsulent ta` Wasteserv. Dwar l-emails il-konvenuta tinnega li qatt accettat li hija debitrici tar-rikorrent. Tissottolinea li kien sar rapport lill-pulizija dwar il-*hacking* tal-email account taghha. Tistieden lill-qorti sabiex tqis li dawn l-emails intbaghtu meta kienu ghadhom jghixu flimkien, u qatt qabel ma kien hemm korrispondenza bejniethom b`dan l-mod. Fl-ahhar tistieden lill-

qorti tinnota wkoll l-mod kif suppost wiegbet fl-email b`kuntrast ma` kif wiegbet fil-kawza odjerna.

Dwar l-allegat self, tissottometti li fiz-zmien meta r-rikorrent jallega li sar is-self, hija kienet f`posizzjoni finanzjarja ferma ahjar minn tieghu. Meta sar l-akkwist tad-dar Birkirkara, hija kellha bizzejjed flus minn bejgh precedenti u ghalhekk ma kellhiex bzonn tissellef flus minghandu.

Tissottometti li minn ezami tal-bank statements, jidher illi filwaqt li fil-kaz taghha hija pprezentat kollox fl-intier tieghu, fil-kaz tal-attur jidher thassir fl-istatments biex ma jidhrux transazzjonijet li saru.

## V. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Waqt li kien qed isir il-gbir tal-provi, il-qorti setghet tikkostata li dwar aspetti mportanti tal-vertenza kien hemm konflitt ta` provi. Kif ghandha ggib ruhha l-qorti meta tkun rinfaccjata b`konflitt ta` verzjonijiet li jkunu dijamettrikalment opposti u meta x-xhieda tal-fatti saljenti u rilevanti jkunu l-partijiet stess ?

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **<u>Xuereb et v. Gauci et</u>** il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**Bugeja v. Meilak**" – PAQC - 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta v. Difesa**" – PAQC – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia v. Farrugia**" – PAQC - 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar v. Curmi noe**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri v. Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 "**Zammit v. Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo v. Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet "**Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**" inghad hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu*

*tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** inghad :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Jirrizulta li fil-**11 ta` Mejju 2013**, jigifieri fi zmien meta l-partijiet kienu ghadhom kif bdew bir-relazzjoni taghhom, l-attur ghamel zbank ta` €10,000 f`kontanti mill-Bank of Valletta. L-istess ammont ta` flus **dakinhar stess** kien depozitat mal-Banif Bank (fol 121). Fit-**22 ta` Mejju 2013**, minn dawk l-€10,000 sar term deposit account.

L-attur ipprezenta *visit form* ta` *safety deposit box* fil-Bank of Valletta datata **13 ta` Novembru 2015**. Fid-**9 ta` Dicembru 2015**, sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Adriana Vella, li permezz tieghu l-konvenuta bieghet fond, fi Triq Parades, San Pawl il-Bahar, ghall-prezz ta` €120,000 u mobbli ghall-prezz ta` €15,000 : b`kollox **€135,000**. Fid-**9 ta` Dicembru 2015** ukoll sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marilena Cristina, li bih il-konvenuta akkwistat fond fi Triq Hal-Qormi, Birkirkara, ghall-prezz ta` €200,000 u mobbli fl-ammont ta`€30,000 : b`kollox **€230,000**. Ma jirrizultax self konness mal-akkwist. Fid-**29 ta` Settembru 2015**, kien sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, fejn il-konvenuta flimkien ma` zewgha bieghu id-dar taz-zwieg taghhom ghall-prezz ta` €230,000. Mill-prezz, lill-konvenuta kien jispetta n-nofs u cioe` **€115,000**.

L-attur ipprezenta numru ta` bank statements :-

- Dok HAA1 - Bank of Valletta plc – datat mis-6 ta` Jannar 2014 sal-31 ta` Dicemburu 2017.

  **Il-qorti tinnota li kienu mhassra numru ta` entrati f`dawn l-istatements, li kjarament jirreferu ghal direct payments li kienu jsiru lil-attur bhal hlas ta` pensjoni.**

  Jirrizulta li fl-**201**7, l-attur ghamel 16 il-xirja dokumentati minn supermarkets u mar jiekol barra 25 darba.
  Il-qorti tinnota li l-maggiorparti tad-drabi li mar jiekol barra, mill-ammont li hemm miktub huwa hallas ghal persuna wahda biss.

  Jirrizulta li fl-**2016**, l-attur ghamel 14 il-xirja dokumentata minn supermarkets u mar jiekol barra 15 il-darba, bl-istess notament ta` qabel.

  Jirrizulta li fl-**2015**, l-attur ghamel 12 ix-xirja dokumentata minn supermarkets, u mar jiekol barra 22 darba. Huwa car li hafna minn dawn kien ikun wahdu.

  Jirrizulta li fl-**2014**, l-attur ghamel 11 ix-xirja, u mar jiehol barra 16 il-darba, bl-istess notament ta` qabel.

- Dok HAA 2 - Bank of Valletta - datat mill-5 ta` Jananr 2014 sal-24 ta` Marzu 2018.

  **Anke hawn il-qorti tinnota li kienu kancellati numru ta` entrati f`dawn l-istatements.**

  Hemm numru ta` entrati relattivi ghal supermarkets u restaurants li l-qorti tqis bhala normali.

- Dok HAA 3 – statement dwar l-kont f`punt (i) mill-1 ta` Jannar 2018 sat-22 ta` Gunju 2018.

  **Anke f`dan il-kaz il-qorti tinnota li kienu mhassra numru ta` entrati.**

  Rilevanti huwa li sa meta intemmet ir-relazzjoni, kien hemm zewg entrati ghal restaurants u tnejn ghal supermarkets.

- Dok HAA 12 – Banif Bank – datat 27 ta` April 2013 `l quddiem

  Jirrizulta li l-card kienet tintuza l-aktar ghal zbanki mill-ATM. Bhala ammonti mdaqqsa jirrizulta zbank ta` €10,000 fis-27 ta` Settembru 2013.

Anke l-konvenuta pprezentat bank statements :-

- Banif Bank – fejn jidher bilanc ta` hdax il-elf Euro (€ 11,000).

- Banif Bank – statement li juri l-ammonti komplessivi li kellha f`dak il-bank : €22,140.60.;

- Bank of Valletta – statement li juri li l-intimata rceviet €5,072.84 bhala hlas ta` sehmha minn Middlesea life insurancde policy.

- HSBC Bank – statement li juri li l-intimata hadet nofs investimenti li kien hemm : €3700.

- Malta Stock Exchange – bilanc ta` €10,467.

- Bank of Valletta – Govt Stock - €11,525.48.

- HSBC Bank – statement ta` savings account – minn dan l-istatement jirrizultaw varji xirjiet minn supermarkets.

- Bank of Valletta – statement ta` savings account – fejn ukoll jirrizultaw varji xirjiet, spejjez waqt safar u depoziti li l-intimata xehdet dwarhom.

- Bank of Valletta – account li nfetah 24 ta` Dicembru 2013 f`isem il-konvenuta.

Jirrizultaw ricevuti ghal xi gojjelli li r-rikorrent akkwista ghall-konvenuta (fol 98) u ricevuta ghall-akkwist ta` saqqu ta` €300 (fol 99). Hemm ukoll (fol 152) ghal vetrina u xkaffi (April 2015) akkwistata mill-konvenuta.

A fol 102, tirrizulta l-email li baghat r-rikorrent lill-intimata datata 24 ta` Marzu 2018 fid-9.57am. A fol 104, imbaghad hemm l-

*allegata* risposta tal-intimata. Il-qorti wzat l-aggettiv *allegata* billi ma tirrizultax risposta diretta izda bhal donnha *forwarded email*.

A fol 105, hemm email ohra li baghat r-rikorrent datata 30 ta` Marzu 2018, b`risposta tal-intimata datata 6 ta` April 2018. Jirrizulta li din r-risposta hija totalment differenti minn dik li hemm a fol 104.

Imbaghad a fol 106, hemm sensiela ohra ta` emails bejn r-rikorrenti u l-intimata.

**Wiehed ma jistax ma jindunax bid-differenza bejn ir-risposta tal-intimata fl-email datata 6 ta` April 2018 li hija l-istess data li fiha rrispondiet anke l-email tar-rikorrent datata 24 ta` Marzu 2018, u z-zewg risposti l-ohra datati 4 ta` April 2018.**

Minn xiehda tal-Ispettur Timothy Zammit jirrizulta li l-intimata ghamlet r-rapport dwar l-allegat *hacking* tal-email taghha fid-9 ta` Gunju 2018, anke jekk effettivament dan kien gara Marzu/April 2018.

L-intimata pprezentat a fol 249 prospett ta` dak li hija rceviet jew bhala wirt jew in konsegwenza tas-separazzjoni mir-ragel taghha jew wara trasferimenti ta` proprjeta. Minnu jirrizulta li l-intimata kellha bizzejjed flus sabiex takkwista d-dar taghha ta` Birkirkara. Dan il-fatt huwa ppruvat.

Kienu prezentati wkoll numru ta` ricevuti ghal trattamenti medici li l-partijiet ghamlu meta marru l-Grecja, liema ricevuti qeghdin f`isem l-intimata u jammontaw ghal €4,500.

Wara rikjesta mill-attur, il-konvenuta pprezentat numru ta` statements bankarji li ftit minnhom kienu diga` gew pprezentati.

Fis-17 ta` Lulju 2020, l-attur ipprezenta nota a fol 376 fejn indika dawk l-affarijeit li gew ritornati u dawk li ghadhom fil-pussess tal-intimata.

L-oggetti li skont l-attur ma kienux ritornati huma :-

- Saqqu - € 300 ;
- Settijiet tal-platti, kikkri u tazzi ;
- L-ahhar cena - € 200 ;
- Vetrina li hallas ghaliha € 100 ;
- Airconditioner ;
- Bagalji ;
- Tagen kbir ;
- Gramaphone ;
- Suldat biz-ziemel ;
- Mugs tal-familja rjali ;
- Koran tad-deheb.

Rinfaccjata kif inhi b`verzjonijiet kontrastanti u konfliggenti dwar materji sostanzjali, il-qorti trid taghmel ezami attent sabiex tistabilixxi Liema verzjoni, fid-dawl tal-kriterji tal-kredibilita`, konsistenza u versomiljanza, ghandha teskludi lill-ohra, fuq bilanc tal-probalitajiet u tal-preponderanza tal-provi li huwa l-kriterju fil-kamp civili.

Ir-rikorrent essenzjalment qieghed jitlob li jithallas lura €60,700 : €28,000 li jghid li ghadda lill-intimata fi flus kontanti matul l-2013 ; €30,000 li kien silef lill-konvenua biex akkwistat id-dar ta` Birkirkara ; u €2700 li silifha aktar tard. Kollox sar *brevi manu* bla kitba.

Il-qorti ma tistax ma tinnotax illi kieku attwalment l-attur silef *brevi manu* ammont daqstant konsiderevoli ta` flus huwa cerament kien jiehu hsieb li, b`xi mod jew iehor, tali self jigi kkonfermat bil-kitba. L-ahjar mod kif wiehed jista` jipprova li flus gew attwalment mislufa huwa permezz tal-kitba, izda r-rikorrent qatt ma hass il-htiega li jaghmel dan. Ghalkemm ir-rikorrent in kontroezami fisser li ma ghamilx hekk ghaliex hu u l-konvenuta kienu jinhabbu, il-qorti ma taghtix affidament ghal dikjarazzjoni bil-wisq mistennija u semplicistika.

Huwa kontestat li l-attur kellu tassew hafna flus kontanti li kien izomm d-dar jew go *safety deposit box*. Fattwalment l-attur ma rnexxilux jipprova li effettivament kellu dawk il-flus. Dan jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt li l-istatments bankarji li pprezenta mhux kompluti. i. Wiehed jista` jikkostata anke *ictu oculi* li hemm partijiet ta`sostanza

f`dawk l-istatements li thassru mill-attur. Min-naha taghha l-konvenuta pprezentat statement kompluti.

Jekk tassew l-attur ried jipprova dak li qed jallega, kien jinkombi fuqu l-obbligu li jaghti stampa mill-aktar cara u kristallina tal-qaghda finanzjarja tieghu mhux fi process gudizzjarju mibni fuq kredibilita` jostor mill-qorti provi dwar dhul. Huwa car li dak li huwa mmarka bl-iswed biex l-qorti ma tkunx tista tarah huma *direct payments* li kienu jsiru jew tal-pensjoni jew anke tax-xoghol li kien jaghmel. Ghalkemm ir-rikorrent ighid li kien jinhatar bhala espert tal-qorti ma ressaq ebda prova ta` dan, prova din li kienet facilment traccjabbli u disponibbli f`hakka t`ghajn. Huwa wkoll car ghal din il-qorti li din l-imgieba tal-attur u l-fatt li kien jzomm l-flus f`kontanti, kienet biss manuvra sabiex matul is-separazzjoni tieghu minn martu jahbi l-gid billi dak kien jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalkemm l-attur xehed illi kellu €50,000 fis-*safety deposit box*, id-dokument li gie pprezentat b`referenza ghal dan hija *visit form* li ma tikkostitwixxi ebda prova tal-kontenut tas-s*afety depoit box*.

Kontradizzjonijiet li rrizultaw fix-xiehda tal-attur huma meta jghid li fetah eaccount mal-Bank of Valletta. Fil-fatt jirrizulta a fol 444 li dak il-kont kien f`isem il-konvenuta. Ighid illi fil-bidu ta` April 2013, u wara jghid fil-15 ta` April 2013, huwa kien ghadda lill-intimata €6000 biex izommhom u li wara kienet ddepozitathom fil-kont taghha mal-Banif Bank. Il-qorti rat l-istatements tal-Banif Bank u dak mistqarr mill-attur ma rrizultax. Ighid li xtara kamra tas-sodda ghal €1,100 pero` ma pprezentax ricevuta. Ghalkemm xehed illi kien jaghmel x-xirijiet kollha hu, li kien hu li kien ihallas ghal ikliet fir-ristoranti u li kien ikun hu li jhallas ghas-safar, ma jirrizultax li kien hekk il-kaz. Abbazi tal-istatements. Kemm r-rikorrent kif ukoll l-intimata kienu jaghmlu xirjiet. Dwar ikliet fir-ristoranti, irrizulta li rarament r-rikorrent kien ihallas anke ghall-intimata. Dwar is-safar, ma jirrizultax li kien r-rikorrent biss li kien ihallas. L-attur qal ukoll li kien jikteb l-ammonti li kien jislef lill-intimata f`diary biex ikollu rendikont ta` dak li kien ghaddielha, ghalkemm qal li ma kienx inizzel kollox. Minn dan ma kien esebit min-naha tieghu bhala prova.

Min-naha l-ohra l-intimata cahdet dak kollu li qal r-rikorrent. Ipprezentat l-istatements bankarji taghha. Kontra dak li sar mill-attur, dawk tal-intimata kienu esebiti fl-intier taghhom. Ghal din il-qorti l-intimata rnexxielha tipprova li kienet f`posizzjoni finanzjarja tajba u li

effettivament meta giet biex takkwista d-dar ta` Birkirkara ma kellhiex bzonn tissellef minghand l-attur biex tlahhaq il-prezz tad-dar. Infatti huwa ppruvat li mill-bejgh tal-fond ta` San Pawl l-Bahar u mill-bejgh tad-dar taz-zwieg, kellha mal-€250,000 aktar minn bizzejjed biex thallas il-prezz tad-dar ta` Birkirkara. Il-konvenuta ressqet ukoll prova sodisfacjenti li kienet thallas ghal xirjiet, ikliet f`restaurants u safar. Ghalhekk ghalkemm iz-zewg nahat kienu jghixu flimkien, jidher li kien hemm kondivizjoni tal-ispejjez.

Ghal dak li jirrigwarda l-emails, skont l-attur dawk huma prova li l-konvenuta accettat fihom li kienet debitrici tieghu. Il-konvenuta ssostni li dawk l-emails kienu *hacked*. Il-qorti tinnota li l-intimata ghamlet rapport mas-Cyber Crime Unit tal-Pulizija, ghalkemm ir-rapport sar wara li kien diga` sehh l-allegat *hacking* mhux fil-pront. Il-qorti nnotat ic-cahda tal-intimata. Tirrizulta differenza sostanzjali fl-emails. Il-qorti ghandha dubji serji kemm kienet l-intimata li wiegbet ghall-emails tal-attur billi accettat li thallsu €60,000. L-uniku ammont accettat mill-konvenuta kienu l-€1,500 li thallsu lill-kuntrattur. Il-qorti qeghda taccetta bhala aktar attendibbli fl-assjem taghha l-verzjoni tal-konvenuta mhux tal-attur. Daqstant ghar-rigward tal-ewwel talba.

Ghar-rigward tat-tieni talba, l-attur ipprezenta nota a fol 376 bl-oggetti li jippretendi bhala tieghu, li jinsabu ghand il-konvenuta, u li jippretendi li ghandha trodd (*supra)*. Mil-lista jirrizulta li s-saqqu kien akkwistat mill-attur skont ricevuta li pprezenta. Il-konvenuta taccetta li s-settijiet tal-platti, kikkri u tazzi huma tal-attur pero` tghid li tathom lura. Dwar l-ahhar cena ghalkemm ma kenitx prezentata ricevuta l-intimata taccetta li tappartjeni lill-attur. Dwar il-vetrina hemm prova li kienet akkwistata mill-konvenuta. Huwa ppruvat li l-airconditioner huwa tal-attur u li ghalhekk il-konvenuta ghandha trodd. Dwar il-bagalji, l-intimata taccetta li kienu tar-rikorrent ; tghid pero` li l-attur hadhom lura. Dwar it-tagen il-kbir, l-attur ma pprezentax ricevuta ; il-konvenuta tghid li kien rigal – ghandu jibqa` ghand l-intimata. L-istess ighodd ghall-gramaphone. Rigward is-suldat biz-ziemel u l-mugs tal-familja rijali, l-intimata taccetta li huma tal-attur pero` dan diga` hadhom. Dwar il-koran tad-deheb, ma saritx prova mir-rikorrent li effettivament huwa tieghu fis-sens li ma pprezentax ricevuta ghalkemm l-intimata taccetta li dak l-oggett huwa tal-attur.

L-ahhar osservazzjoni. Il-qorti tinnota li l-intimata ma pprezentatx kontrotalba. Ghalhekk mhijiex sejra tippronunzja ruhha dwar flus, oggetti jew data li tallega li l-attur ghandu jaghtiha.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-ewwel (1) talba limitatament fl-ammont ta` elf u hames mitt ewro (€1,500).**

**Tilqa` t-tielet (3) talba limitatament billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` elf u hames mitt ewro (€1,500) skont kif deciz fl-ewwel (1) talba, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tilqa` t-tieni (2) talba.**

**Tipprovdi dwar ir-raba` (4) talba billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien xahar mil-lum trodd lill-attur is-saqqu ; is-settijiet tal-platti, kikkri u tazzi ; `l-ahhar cena` ; il-bagalji ; l-airconditioner ; `is-suldat biz-ziemel` ; il-mugs tal-familja rijali ; u l-`koran tad-deheb`. Fin-nuqqas li taghmel dan fit-terminu lilha prefiss, il-konvenuta tirrendi ruhha passibbli ghal proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**